MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 167/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Micallef Odette**
**ID132788-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija wiehed u tletin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,331.17c) in konnessjoni ma' Laptop Connect (*AC51073468*) u li jinkludi Linovo S10 u Bandluxe C270, u dan skond kuntratt tal-5 ta' Gunju 2010.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4269/11.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u cioe' Dok. A sa Dok. E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija wiehed u tletin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,331.17c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------